# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 435/2016**

Il-Pulizija

vs

**Godfrey Camilleri**

iben Nazzareno, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 187579(M)

Illum, 23 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Godfrey Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta' Frar tas-sena 2016 u dak ta' Marzu tas-sena 2016, naqas milli jaghti lil Phyllis Zammit, is-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar, iffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal binthom fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Settembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif

dedotta mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Godfrey Camilleri pprezentat fil-5 ta' Ottubru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

F'kull kaz u sussidjarjament, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-appellant kellu l-Qorti nhar l-20 ta' Gunju tas-sena 2016, bl-akkuzi relatati mal-manteniment ghax-xhur ta' Frar u Marzu tas-sena 2016, ossia l-akkuzi mertu ta' dan l-umli appell.

2. Illi nonostante li huwa kien notifikat tramite l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u il-procedura tan-notifika li gie ntrodotta ricentement, huwa kien ghall-oskur ta' din is-seduta u konsegwentement naqas milli jkun prezenti. Eventwalment l-Onorabbli Qorti sabitu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha u orndat l-arrest tieghu ghas-seduta ta' nhar is-26 ta' Settembru tas-sena 2016.

3. Illi l-ghada stess ta' din is-seduta, ossia nhar il-21 ta' Gunju tas-sena 2016, l-appellant rega' kellu l-Qorti din id-darba akkuzat li naqas milli jhallas manteniment fix-xahar ta' Jannar tas-sena 2016.

4. Illi dakinhar tas-smigh, il-parte civile Phyllis Zammit ma kienetx prezenti u l-appellant gie infurmat mill-abbli avukat taghha li l-akkuzi kienu jirrigwardjaw il-manteniment ghax-xahar ta' Jannar tas-sena 2016. Fil-fatt, peress li l-appellant kien konsapevoli li dak ix-xahar ma kienx hallas manteniment ghax huwa kien il-habs taht

arrest preventiv in konnessjoni ma’ proceduri separati, minnufih hallas il-mitejn Euro lill-abbli Avukat tal-parte civile, li dak il-hin naqas milli jaghtih ircevuta. Sussegwentement, il-procediment fil-konfront tieghu gie ezawrit, hekk kif jirrizulta fil-kopja tas-sentenza annessa u mmarkata bhala Dok ‘A’.

5. Illi dak il-hin stess, u waqt li l-appellant kien ghadu go l-Awla tal-Onorabbli Qorti, gie nfurmat mill-abbli avukat tal-parte civile, li kien hemm zewg mantenimenti ohra pendenti, ossia dawk ta’ Frar u ta’ Marzu tas-sena 2016, mertu ta’ dan l-umli appell, u li fuqhom kien hemm proceduri kriminali separati.

6. Illi l-appellant umilment jirrileva li huwa ma kienx jaf bis-seduta tal-gurnata ta’ qabel, u sar jaf biha biss meta gabar is-sentenza tal-Onorabbli Qorti fejn kien hemm indikat li l-ewwel seduta kienet fl-20 ta’ Gunju tas-sena 2016, liema sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘B’, mentri fil-fatt, l-abbli avukat tal-parte civile, kien ben konsapevoli tal-manteniment stante li huwa kien prezenti ghas-seduta li eventwalment kienet giet diferita’ il-gurnata ta’ qabel.

7. Illi hekk kif l-appellant gie infurmat li kien hemm proceduri kriminali fir-rigward ta’ dawn iz-zewg mantenimenti, huwa minnufih hareg minn go l-awla tal-Qorti fejn mar fuq ommu Marianne Camilleri, fejn talabha sabiex taghtih l-erba’ mitt Euro halli jkun jista’ jaghtihom lill-avukat Dottor Albert Zerafa.

8. Illi fil-fatt, l-appellant rega’ dahal gewwa l-Awla tal-Qorti sabiex jaghti l-flus lill-abbli avukat u fejn ghat-tieni darba, l-istess avukat naqas milli jaghtih ircevuta.

9. Illi l-appellant umilment jissottometti li dakinhar tas-smigh quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, huwa ma tellax lil ommu xhud u dan purament minhabba l-fatt li stante li huwa gie mharrek b’arrest, huwa ma kienx jaf fuq x’hiex kienet is-seduta u dan stante li sa fejn kien jaf hu, huwa ma kellux mantenimenti pendenti. Ghaldaqstant, l-appellant umilment jissottometti li huwa ma kienx jaf bin-necessita’ tax-xhieda ta’ ommu u effettivament stante li l-proceduri kienu sommarji, huwa ma setghax, bil-mezzi li taghtih l-

ligi, igib lil ommu bhala xhud quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk umilment jissottometti li ai termini tal-Artikolu 424 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti ghandha tippermetti li tinstema x-xhieda ta' Marianne Camilleri.

10. Illi ghaldaqstant, l-appellant umilment jissottometti li huwa ghadda l-flus tal-manteniment lill-avukat tal-parte civile u kien biss in-nuqqas ta' dan l-ahhar li jaghtih ircevuta li l-appellant ma kellux prova limpida tal-hlas tieghu. Madankollu, ix-xhieda ta' Marianne Camilleri jekk permessa minn din l-Onorabbli Qorti ma thalli ebda dubju fuq il-veracita' tal-verzjoni tieghu.

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jissottometti li l-piena inflitta fil-konfront tieghu ma kienetx wahda idonea. Fil-fatt l-appellant instab hati bi ksur tal-Artikolu 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat huwa ta' natura kontravvenzjonali.

12. Illi l-Artikolu 7(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka l-pieni li jistghu jigu moghtija ghall kontravvenzjonijiet, li huma: id-detenzjoni, l-ammenda u c-canfira jew it-twiddiba.

13. Illi konsegwentement, l-appellant umilment jissottometti li l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma setghet qatt tinfligga l-piena ta' xahar priginerija fil-konfront tieghu, meta ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta, din il-piena tista' tinghata biss ghad-delitti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-atti ta' dan l-appell jirrizulta li hu hallas lill-parte civile s-somma kollha dovuta.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Godfrey Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' xahar prigunerija u minflokk tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.